

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 5.6.2008
SEG(2008) 1979 finali

Abbozz

DEĊIŻJONI Nru x/2008 tal-Kumitat Konġunt tal-KE-Danimarka/Gżejjer Faroe

**li temenda t-Tabelli I u II ta' l-Anness tal-Protokoll 1 tal-Ftehim bejn il-Komunità
Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer
Faroe, min-naħa l-oħra**

- Abbozz tal-pożizzjoni komuni tal-Komunità -
(preżentat mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

It-trattament u l-arranġamenti tat-tariffi applikabbli għal ċerti ħut u prodotti tal-ħut li joriġinaw mill-Gżejjer Faroe rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fil-Komunità jinsabu speċifikati fil-Protokoll 1 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faroe¹, min-naħa l-oħra.

B'applikazzjoni tal-Protokoll 1 il-Komunità għamlet konċessjonijiet tariffarji għal diversi prodotti tal-ħut li joriġinaw mill-Gżejjer Faroe. Madankollu, ma hemm l-ebda konċessjoni tariffarja fil-Protokoll 1 għal importazzjonijiet ta' merlangu mmellaħ u mnixxef (*Pollachius virens*), bronja komuni (*Buccinum undatum*) u granċ (*Geryon affinis*) li joriġinaw mill-Gżejjer Faroe.

L-Artikolu 36 tal-Ftehim imsemmi hawn fuq jistipula li fuq talba tal-Gżejjer Faroe, il-Komunità se tqis il-possibbiltà li ttejjeb il-possibbiltajiet ta' aċċess għal prodotti speċifiċi.

Il-Gżejjer Faroe talbu li l-prodotti tal-ħut imsemmija qabel li joriġinaw mill-Gżejjer Faroe jiżiedu mal-lista ta' prodotti tal-ħut fit-Tabella 1 tal-Protokoll 1 li jistgħu jiġu importati fil-Komunità mingħajr dazju.

Il-Kummissjoni tqis li hija raġjonevoli li jiġu aċċettati t-talbiet meta tqis it-trattament u l-arranġamenti tariffarji applikabbli għall-importazzjonijiet ta' l-istess prodotti meta joriġinaw f'pajjiżi terzi oħra bħan-Norveġja, l-Iżlanda u Greenland u r-riskju relattivament baxx li bidliet bħal dawn ikollhom impatt negattiv fuq is-suq Komunitarju. Il-Kummissjoni tqis li l-prodotti tal-ħut ġodda għandhom ikunu soġġetti għal kwoti tariffarji, u għandhom jiġu inklużi fit-Tabella II tal-Protokoll 1.

L-Artikolu 31 tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt responsabbli mill-amministrazzjoni tal-Ftehim u l-implimentazzjoni tiegħu. Skond l-Artikolu 34(1) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' għalhekk jadotta deċiżjoni li timmodifika l-anness tal-Protokoll 1 tal-Ftehim.

Fid-dawl ta' li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni għandha tipproponi lill-Kunsill l-adozzjoni ta' l-abbozz ta' deċiżjoni meħmuż bħala pożizzjoni komuni tal-Komunità fil-Kumitat Konġunt li jmiss.

¹ ĠU L 53, 22.2.1997, p. 2.

DEĊIŻJONI Nru x/2008 tal-Komitat Konġunt tal-KE-Danimarka/Gżejjer Faroe

li temenda t-Tabelli I u II ta' l-Anness tal-Protokoll 1 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faroe, min-naħa l-oħra

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faroe, min-naħa l-oħra² minn hawn 'il quddiem "Il-Ftehim" u b'mod partikolari l-Artikolu 34(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness tal-Protokoll 1 tal-Ftehim jispeċifika d-dazji doganali u kundizzjonijiet oħra li jridu jiġu applikati fuq l-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti ħut u prodotti tal-ħut li joriġinaw fi u li ġejjin mill-Gżejjer Faroe.
- (2) Taħt dan l-Anness, il-Komunità għamlet konċessjonijiet għal għadd ta' prodotti tal-ħut, mill-Gżejjer Faroe.
- (3) L-awtoritajiet tal-Gżejjer Faroe talbu li l-merlangu mmellaħ u mnixxef (*Pollachius virens*), il-bronja komuni (*Buccinum undatum*) u l-granċ (*Geryon affinis*) jiżdiedu mal-lista ta' prodotti tal-ħut fit-Tabella I ta' l-Anness tal-Protokoll 1 li jistgħu jiġu importati fil-Komunità mingħajr dazju.
- (4) Ikun raġjonevoli li jiġu inklużi dawn il-prodotti tal-ħut f'din it-tabella. Dawn għandhom madankollu jkunu soġġetti għal kwota tariffarja li għandha tiżdied mat-Tabella II ta' l-Anness tal-Protokoll 1.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

It-Tabella I ta' l-Anness tal-Portokoll 1 tal-Ftehim għandha tiġi emendata bl-inklużjoni tar-ringieli li ġejjin:

² ĠU L 53, 22.2.1997, p. 2.

‘	0305	Ħut, imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, ħut affumikat, sew jekk imsajjar qabel jew matul il-proċess ta’ iffumikazzjoni sew jekk le; dqiq, qamħ mitħun oħxon u gerbub tal-ħut, tajjeb għall-konsum mill-bniedem: - Ħut imnixxef, immellaħ jew mhux imma mhux affumikat:		
	0305 59	-- Oħrajn:		
	0305 59 80	--- Oħrajn:		
	ex 0305 59 80	---- Merlangu (<i>Pollachius virens</i>)	0	KT Nru 5
	0306	Krustaċġi, fil-qoxra jew le, ħajjin, friski, imkessħa, iffriżati, imnixxfa, immellaħ jew fis-salmura; krustaċġi, fil-qoxra, imsajra fuq il-fwar jew mgħollija fl-ilma, imkessħa jew mhumieħ, iffriżati, imnixxfa, immellaħ jew fis-salmura; dqiq, qamħ mitħun oħxon u gerbub ta’ krustiċġi, tajbin għall-konsum mill-bniedem: - Iffriżati:		
	0306 14	-- Graniċġiet:		
	0306 14 90	--- Oħrajn:		
	ex 0306 14 90	---- Graniċġiet ta’ l-ispeċi <i>Geryon affinis</i>	0	KT Nru 6
	0307	Molluski, fil-qoxra jew mhumieħ, ħajjin, friski, imkessħa, iffriżati, imnixxfa, immellaħ jew fis-salmura; invertebrati akwatiċi oħra minbarra l-krustaċġi u l-molluski, ħajjin, friski, imkessħa, iffriżati, imnixxfa, immellaħ jew fis-salmura; dqiq, qamħ mitħun oħxon u gerbub ta’ invertebrati akwatiċi għajr krustaċġi, tajbin għall-konsum mill-bniedem: - Oħrajn, inklużi dqiq, qamħ mitħun oħxon u gerbub ta’ invertebrati akwatiċi għajr krustaċġi, tajbin għall-konsum mill-bniedem:		
	0307 91 00	-- Ħajjin, friski jew imkessħa:		
	ex 0307 91 00	--- Bronja komuni (<i>Buccinum undatum</i>)	0	KT Nru 7
	0307 99	-- Oħrajn:		

		--- Iffriżati:		
	0307 99 18	---- Oħrajn:		
ex	0307 99 18	----- Bronja komuni (<i>Buccinum undatum</i>)	0	KT Nru 7
	1605	Krustaċċi, molluski u invertebrati akwatiċi oħra, ippreparati jew ippreservati:		
	1605 90	-Oħrajn		
		-- Molluski:		
	1605 90 30	--- Oħrajn:		
ex	1605 90 30	---- Bronja komuni (<i>Buccinum undatum</i>)	0	KT Nru 7'

Artikolu 2

It-Tabella II ta' l-Anness tal-Portokoll 1 tal-Ftehim għandha tiġi emendata bl-inklużjoni tar-ringieli li ġejjin:

‘	0305	Ħut, imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, ħut affumikat, sew jekk imsajjar qabel jew matul il-proċess ta' iffumikazzjoni sew jekk le; dqiq, qamħ mitħun oħxon u gerbub tal-ħut, tajjeb għall-konsum mill-bniedem:		
		- Ħut imnixxef, immellaħ jew mhux imma mhux affumikat:		
	0305 59	-- Oħrajn:		
	0305 59 80	--- Oħrajn:		
ex	0305 59 80	---- Merlangu (<i>Pollachius virens</i>)	0	KT Nru 5 (1) 750
	0306	Krustaċċi, fil-qoxra jew le, ħajjin, friski, imkessħa, iffriżati, imnixxfa, immellaħ jew fis-salmura; krustaċċi, fil-qoxra, imsajra fuq il-fwar jew mgħollija fl-ilma, imkessħa jew mhumieħ, iffriżati, imnixxfa, immellaħ jew fis-salmura; dqiq, qamħ mitħun oħxon u gerbub ta' krustiċċi, tajbin għall-konsum mill-bniedem:		
		- Iffriżat:		

	0306 14	-- Granċijiet:		
	0306 14 90	--- Oħrajn:		
ex	0306 14 90	---- Granċijiet ta' l-ispeċi <i>Geryon affinis</i>	0	KT Nru 6 (1) 750
	0307	Molluski, fil-qoxra jew mhumieq, ħajjin, friski, imkessħa, iffriżati, imnixxa, immellħa jew fis-salmura; invertebrati akwatiċi għajr krustaċji u molluski, ħajjin, friski, imkessħa, iffriżati, imnixxa, immellħa jew fis-salmura; dqiq, qamħ mitħun oħxon u gerbub ta' invertebrati akwatiċi għajr krustaċji, tajbin għall-konsum mill-bniedem: - Oħrajn, inklużi dqiq, qamħ mitħun oħxon u gerbub ta' invertebrati akwatiċi għajr krustaċji, tajbin għall-konsum mill-bniedem:		
	0307 91 00	-- Ħajjin, friski jew imkessħa:		
ex	0307 91 00	--- Bronja komuni (<i>Buccinum undatum</i>)	0	KT Nru 7 (1) 1 200
	0307 99	-- Oħrajn: --- Iffriżati:		
	0307 99 18	---- Oħrajn:		
ex	0307 99 18	----- Bronja komuni (<i>Buccinum undatum</i>)	0	KT Nru 7 (1) 1 200
	1605	Krustaċji, molluski u invertebrati akwatiċi oħra, ippreparati jew ippreservati:		
	1605 90	-Oħrajn -- Molluski:		
	1605 90 30	--- Oħrajn:		
ex	1605 90 30	---- Bronja komuni (<i>Buccinum undatum</i>)	0	KT Nru 7 (1) 1 200'

(1) Għas-sena 2008 il-volumi tal-kwoti tariffarji għandhom jiġu kkalkolati bħala *pro rata* tal-volumi bażiċi proporzjonalment mal-parti ta' dik is-sena li tkun għaddiet qabel ma japplikaw il-kwoti tariffarji.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' l-adozzjoni tagħha. Għandha tapplika fl-1 ta' Settembru 2008.

Magħmula f'Tórshavn,

*Għall-Kumitat Konġunt
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI LI L-IMPATT TAGĦHOM FUQ IL-BAĠIT HU ESKLUŻIVAMENT LIMITAT GĦAD-DĦUL

1. L-ISEM TAL-PROPOSTA:

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-KE/Danimarka-Gżejjer Faroe li temenda t-Tabelli I u II ta' l-Anness tal-Protokoll 1 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faroe, min-naħa l-oħra

2. IL-LINJI TAL-BAĠIT:

Il-Kapitolu u l-Artikolu:

Il-Kapitolu 12, l-Artikolu 120

Ammont stmat għas-sena kkonċernata: EUR 16 432 miljun

3. IMPATT FINANZJARJU

- ☐ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjonijiet finanzjarji
- ☒ Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq l-infiq iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul – l-effett huwa kif ġej:

(€ miljun għal punt deċimali wieħed)

Linja tal-baġit	Dħul ³	Perjodu ta' 12-il xahar, li jibda mill-01/01/2008	[Sena n]
Artikolu 120	<i>Impatt fuq ir-riżervi proprji</i>	0.3	

Is-Sitwazzjoni wara l-azzjoni					
	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5]

³ Fir-rigward ta' riżorsi tradizzjonali proprji (dazji fuq l-agrikoltura, imposti fuq iz-zokkor, dazji doganali) l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, i.e. ammonti grossi wara tnaqqis ta' 25 % ta' l-ispejjeż ta' għir.

Artikolu 120	0.7	0.7	0.7		
--------------	-----	-----	-----	--	--

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Il-ġestjoni tal-kwoti se titwettag mill-Kummissjoni skond il-proċedura ta' allokkazzjoni tal-kwota.

5. RIMARKI OĦRAJN

Is-16-il Kumitat Konġunt huwa skedat għal Novembru 2008. Il-Gżejjer Faroe pproponew li jadottaw id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt permezz ta' skambju ta' ittri. Id-Deċiżjoni se tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2008.

It-telf potenzjali ta' dħul ġie kkalkolat fuq is-suppożizzjoni li l-volumi ta' kwota se jiġu utilizzati bis-sħiħ. Il-kalkolu huwa bbażat fuq il-valur medju tal-merlangu (0305 59 80), il-bronja komuni (0307 91 00) u l-granċ (0306 14 90) importati mill-Gżejjer Faroe matul il-perjodu 2004-2006 kif jidher fit-tabelli hawn taħt (iċ-ċifri huma mqarrba lejn l-eqreb numru sħiħ). Iċ-ċifri kkalkolati b'dan il-mod imbagħad tnaqqsu b'25 % biex jirriflettu l-ispejjeż tal-ġbir imġarrba mill-Istati Membri.

Fid-dawl tal-livell baxx ta' importazzjonijiet ta' bronja komuni tal-linji tariffarji 0307 99 18 u 1605 90 30 mill-Gżejjer Faroe, mhux meqjus li l-konċessjoni addizzjonali se jkollha impatt materjali fuq il-baġit Komunitarju. Għalhekk, it-telf potenzjali tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' dawn il-prodotti mill-Gżejjer Faroe ma komplix jitqies iżjed.

Deskrizzjoni tal-prodott	Linja tariffarja	Rata ta' dazju	Importazzjoni ta' l-UE mill-Gżejjer Faroe f'€ (medja ta' tliet snin 2004-06)	Importazzjoni ta' l-UE mill-Gżejjer Faroe f'tunnellati (medja ta' tliet snin 2004-06)	€ għal kull tunnellata (medja ta' tliet snin 2004-06)
Merlangu (<i>Pollachius virens</i>), immellaħ u mnixxef	ex 0305 59 80	12 %	770.00	0.27	2 887.50
Bronja komuni (<i>Buccinum undatum</i>), ħajja, friska jew imkessħa	ex 0307 91 00	11 %	23 750.00	28.20	842,20
Bronja komuni (<i>Buccinum undatum</i>), iffriżata	ex 0307 99 00	11 %	6 190.00	1.30	4 761.54

Bronja komuni (<i>Buccinum undatum</i>), ippreparata jew ippreservata	ex 1605 90 30	20 %	0 (l-ebda importazzjoni)	0 (l-ebda importazzjoni)	0 (l-ebda importazzjoni)
Granċijiet ta' l-ispeċi <i>Geryon affinis</i> , iffriżati	ex 0306 14 90	7.5 %	313 803.33	26.87	11 680.02

		Kwota f'tunnellati	Medja ta' tliet snin f'€	Dazju ta' 12 % f'€	Nett ta' l-ispejjeż ta' ġbir f'€
merlang u	Ammont ta' kwota addizzjonali Sena [n]	250*	721 875	86 625	64 968.75
	Sena [1]	750	2 165 625.00	259 875.00	194 906.25
	Sena [2]	750	2 165 625.00	259 875.00	194 906.25
	Sena [3]	750	2,165,625.00	259,875.00	194,906.25

		Kwota f'tunnellati	Medja ta' tliet snin f'€	Dazju ta' 11 % f'€	Nett ta' l-ispejjeż ta' ġbir f'€
bronja	Ammont ta' kwota addizzjonali Sena [n]	400*	336 879.43	37 056.74	27 792.55
	Sena [1]	1200	1 010 638.30	111 170.21	83 377.66
	Sena [2]	1200	1 010 638.30	111 170.21	83 377.66
	Sena [3]	1200	1 010 638.30	111 170.21	83 377.66

		Kwota f'tunnellati	Medja ta' tliet snin f'€	Dazju ta' 7.5 % f'€	Nett ta' l-ispejjeż ta' ġbir f'€
--	--	--------------------	--------------------------	---------------------	----------------------------------

granċ	Ammont ta' kwota addizzjonali Sena [n]	250*	2 920 006.20	219 000.48	164 250.3
	Sena [1]	750	8 760 018.61	657 001.40	492 751.05
	Sena [2]	750	8 760 018.61	657 001.40	492 751.05
	Sena [3]	750	8 760 018.61	657 001.40	492 751.05

* Id-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2008 jagħti erba' xhur tunnellati addizzjonali *pro rata temporis*

Is-somma għal tliet prodotti tal-ħut:

	Nett ta' l-ispejjeż ta' ġbir f'€
Ammont ta' kwota addizzjonali Sena [n]	257 011.65
Sena [1]	771 034.96
Sena [2]	771 034.96
Sena [3]	771 034.96